**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IR-RABA' SENA** | **RELIĠJON** | **Ħin: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

Isem: ______________________ Klassi: ______________

## Sezzjoni A **20 marka**

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.**

1. X'jissejjaħ il-ktieb qaddis tagħna l-Insara? ______________________________ (marka)

2. Semmi lingwa li biha nkiteb it-Testment il-Qadim? ______________________________ (marka)

3. X'jissejħu l-ewwel ħames kotba tal-Kotba Mqaddsa? ______________________________ (2 marki)

4. Agħti t-tifsira ta'
   i. Superstizzjoni ______________________________ (marka)
   ii. Fanatiżmu ______________________________ (marka)

5. Ġesù xebbah il-Knisja tiegħu ma'
   i. ______________________________ (2 marki)
   ii. ______________________________ (2 marki)
   iii. ______________________________ (2 marki)

6. Għaliex il-Knisja ta' Ġesù tissejjaħ
   i. waħda ______________________________ (2 marki)
   ii. qaddisa ______________________________ (2 marki)
   iii. kattolika ______________________________ (2 marki)
   iv. appostolika ______________________________ (2 marki)

## Sezzjoni B **20 marka**

**Aqra din is-silta ta' hawn taħt u wieġeb il-mistoqsijiet.**

"Jekk tisimgħu leħni u żżommu l-patt tiegħi, intom tkunu l-wirt tiegħi minn fost il-popli kollha, għax l-art kollha tiegħi." (Eż. 19, 5)

1) Min qal dan il-kliem? ______________________________ (marka)

2) Lil min qed jingħad dan il-kliem? ______________________________ (marka)

3) X'kien il-patt li Alla għamel ma' dan il-poplu? ________________________________
________________________________________________________________ (2 marki)

4) Għalfejn Alla għażel lil dan il-poplu?
________________________________________________________________ (marka)

5) Lil min għażel Alla biex imexxi lil dan il-poplu u jagħmel Patt miegħu?
________________________________________________________________ (marka)

6) Kif Alla żamm kelmtu mal-poplu u għenu fil-mixja tiegħu fid-deżert? (Agħti 2 eżempji)
________________________________________________________________
________________________________________________________________
________________________________________________________________
________________________________________________________________ (4 marki)

7) Liema hu l-messaġġ ewlieni li joħroġ mill-ġrajja ta' l-Eżodu? (Semmi 4 affarijiet)
________________________________________________________________
________________________________________________________________
________________________________________________________________
________________________________________________________________ (4 marki)

8) Aħna meta dħalna f'Patt ma' Alla? ________________________________
________________________________________________________________ (marka)

9) Kif nistgħu ngħixu skond dan il-Patt? ________________________________
________________________________________________________________
________________________________________________________________ (3 marki)

10) X'jakkwistaw dawk li jaċċettaw u jgħixu skond il-Patt? ________________________
________________________________________________________________ (2 marki)

## Sezzjoni Ċ (20 marka)

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

"Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: 'Is-sliem għalikom. Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom.' Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: 'Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li <u>żżommuhomlhom</u> ikunu miżmuma." (Ġw. 20,19-23)

1. Meta seħħet din il-ġrajja? (Aqta' sinjal taħt it-tweġiba t-tajba)
   i. qabel ma Ġesù bata u miet
   ii. wara li Ġesù qam mill-mewt (marka)

2. Liema Sagrament waqqaf Ġesù f'din il-ġrajja?

____________________ (marka)

3. Dan is-Sagrament jissejjaħ ukoll is-Sagrament ____________ (marka)

4. Kif għandna nippreparaw ruħna għal dan is-Sagrament?

____________________

____________________

____________________ (3 marki)

5. Fisser kif dan is-Sagrament jerġa' jgħaqqadna:

   i) ma' Alla ____________________

   ii) ma' ħutna l-bnedmin ____________________

(4 marki)

6. Liema dnubiet aħna obbligati nqerru?

____________________

____________________ (2 marki)

7. Semmi żewġ parabboli fejn Ġesù wera li Alla Hu dak il-missier li lest jaħfer lil uliedu niedma.

____________________

____________________ (4 marki)

8. Kif in-Nisrani għandu jġib ruħu ma' dawk li jkunu naqsuh?

____________________

____________________ (2 marki)

9. X'effett tħalli fina qrara tajba?

____________________

____________________ (2 marki)

## Sezzjoni D **(40 marka)**

**Wieġeb fit-tul <u>TNEJN</u> minn dawn l-erba' mistoqsijiet fuq karta separata.**

**1. "Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-Poplu tiegħi fl-Eġittu." (Eż. 3, 7)**

a) Irrakkonta l-ġrajja kif Alla sejjaħ lil Mosè u bagħtu jeħles lill-Poplu Lhudi mit-tbatija fl-Eġittu.

b) F'din il-ġrajja tal-ħelsien tal-Poplu Lhudi mill-Eġittu, il-Mulej Alla jurina min Hu. X'tgħallimna din il-ġrajja dwar Alla?

ċ) Alla jistenna minna li nkunu fidili lejh. Kif jistgħu żgħażagħ tal-età tiegħek ikunu fidili lejn Alla u xi jridu jagħmlu fil-prattika? (20 marka)

**2. “Miblugħin u mistagħġbin bdew jgħidu, ‘Dan min HU?’ ” (Lq. 4, 22)**

a) Semmi tliet kwalitajiet sbieħ li l-aktar jolqtuk fil-persuna ta’ Ġesù Kristu u rrakkonta ġrajja fejn Ġesù wera kull waħda minn dawn il-kwalitajiet.
b) Għaliex il-ġrajja tal-Qawmien mill-mewt ta’ Ġesù hi l-qofol tat-twemmin Nisrani kollu?
ċ) X’għażliet irridu nagħmlu f’ħajjitna biex nifthu qalbna għal Kristu? (20 marka)

**+3. “Nemmen fi Knisja Waħda, Qaddisa, Kattolika u Appostolika.”**

a) X’tifhem bil-kelma ‘Knisja’?
b) Fisser tnejn minn dawn:
   i) Il-Knisja bħala l-Poplu l-Ġdid ta’ Alla;
   ii) Il-Knisja bħala l-Familja ta’ Alla;
   iii) Il-Knisja bħala l-Ġisem ta’ Kristu.
ċ) X’sehem għandhom iż-żgħażagħ biex isaħħu l-Knisja u jagħmlu l-ġid? (20 marka)

**4. “Mhux dawk li huma f’saħħithom għandhom bżonn it-tabib, imma l-morda.” (Lq. 5, 32)**

a) Semmi ġrajja mill-Vanġelu fejn Ġesù ħafer lil xi midneb jew midinba? X’jistenna Ġesù mill-midneb?
b) X’inhu s-Sagrament tal-Qrar u għaliex għandna bżonnu?
ċ) X’jeħtieġ li nagħmlu biex niksbu l-ħbiberija ma’ Alla permezz tal-Qrar? (20 marka)